MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-23 ta' Lulju, 2010

Numru 27/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Stephen Mamo**

**Il-Qorti**:

**1.** Dan hu appell, interpost mill-Avukat Generali, minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-15 ta' Jannar 2010. Permezz ta' din is-sentenza Stephen Mamo (bin Joseph u Loreta nee Agius, imwieled H'Attard, Malta, fis-17 ta' Ottubru 1971, detentur tal-Karta tal-Identita` nru 466871M) instab hati talli fis-26 ta' Gunju 2006 ghall-habta tat-8.30 pm, fir-Rabat (Ghawdex) (**1**) insolenta, hedded u fizikament aggredixxa lil P.S. 187 Mario Cassar, ufficjal tal-Korp tal-Pulizija u ghalhekk persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, u dan bil-hsieb li jbezzghu u jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, (**2**) ikkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-imsemmi Surgent waqt li

dan kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fid-dmirijiet tal-kariga tieghu, (**3**) attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-istess Surgent Cassar, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien qed jagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi minn awtorita` kompetenti, (**4**) kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, (**5**) m'obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija, (**6**) dagha u qal kliem oxxen fil-pubbliku, (**7**) volontarjament ghamel hsara fil-qmis tal-imsemmi Surgent, liema hsara tammonta ghal anqas minn Lm10, a dannu tal-Gvern ta' Malta, kif ukoll (**8**) volontarjament ghamel hsara fi hwejjeg mobbli tal-imsemmi Surgent, liema hsara tammonta ghal aktar minn Lm50 izda anqas minn Lm500 a dannu tas-Surgent Cassar. Dik il-qorti kkundannat lill-imsemmi Stephen Mamo multa ta' €600, u rabtitu, taht penali ta' €213 fin-nuqqas, sabiex ma jimmolestax, ma jingurjax u ma jheddidx lil P.S. 187 Mario Cassar ghal periodu ta' sena (mid-data ta' dik is-sentenza) taht il-provvedimenti tal-Artikolu 383(1) tal-Kap. 9; inoltre dik l-istess qorti, b'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 ikundannat lil Mamo jhallas l-ispejjez tal-perizji u cioe` tan-nomina tat-Tabib Charles Borg fl-ammont ta' €62.89, u dan fi zmien xahar mid-data ta' dik is-sentenza, liema ammont jigi altrimenti konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

**2.** L-Avukat Generali appella permezz ta' rikors prezentat fit-3 ta' Frar 2010. L-aggravju tieghu hu maghmul jikkonsisti f'dan li gej:

**"Illi l-aggravju hu car u manifest u jikkonsisti filli l-ewwel Qorti <u>naqset li timxi skond il-gurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati li fejn si tratta ta' vjolenza fuq il-persuna il-piena ghandha tkun ta' prigunerija b'effett immedjat u dan aktar u aktar fejn si tratta ta' ufficjal tal-Pulizija</u>. Issir referenza ghas-sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali 'Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi' deciza fit-30 ta' Lulju 2004 u 'Il-Pulizija vs George Grech' tat-23 ta' Gunju 2005. Illi <u>ghalhekk</u> il-piena ta' sitt mitt euro moghtija f'dan il-kaz ghandha**

**tinbidel b'piena karcerarja immedjata effettiva."** (sottolinear ta' din il-Qorti).

**3.** Din il-Qorti ssottolineat parti mill-aggravju kif migjub fir-rikors ta' l-appell, billi dana l-aggravju huwa, bhall-istess sentenza appellata, xi ftit sorprendenti. L-ewwel qorti sabet lill-appellant, allura imputat, hati skond l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u ghalhekk anke tar-reat ta' attakk u resistenza skond l-Artikolu 96 tal-Kap. 9 (it-tielet imputazzjoni). Ghal dan ir-reat biss il-piena hi minn minimu ta' erba' xhur prigunerija sa massimu ta' sena. L-ewwel qorti, invece, minghajr ma invokat u wisq anqas applikat l-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali, imponiet piena komplessiva ta' sitt mitt euro (oltre l-precett skond l-Art. 383(1) *et seq*. u l-hlas tal-ispejjez peritali). Issa, kif inhu risaput, l-Artikolu 21 jirrikjedi li jkun hemm "ragunijiet specjali u straordinarji li ghandhom jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza" – ir-raguni moghtija mill-ewwel qorti fis-sentenza, u cioe`:

**"Stante li l-fedina penali tieghu mhiex wahda daqstant reflettarja** [recte: refrattarja] **ma thossx li ghandha timponi piena karcerarja izda ghandha tikkundannah ihallas multa sabiex f'kaz ta' ripetizzjoni ta' reat iehor, l-imputat ghandu jitqies li huwa recidiv"**

b'ebda tigbid ta' l-immaginazzjoni ma tista' titqies bhala raguni specjali u straordinarja, sakemm wiehed ma jasalx ghall-assurd li jghid li hija xi haga straordinarja li wiehed ma jkollux fedina penali refrattarja!

**4.** Izda l-Avukat Generali mhux qed jappella fuq il-bazi li l-piena erogata mill-ewwel qorti ma kienitx entro l-parametri tal-ligi – Art. 413(1)(b)(iii) tal-Kap. 9. Kieku ghamel hekk kien ikollu ragun biex ibigh, stante li, kif rajna, l-minimu tal-piena ghar-reat skond l-Artikolu 96 huwa ta' erba' xhur prigunerija. L-appell tieghu hu cirkoskritt u limitat ghall-"gurisprudenza" li tghid li meta si tratta ta' vjolenza fizika fuq il-persuna (in effetti meta jkun hemm offiza jew tentattiv ta' offiza fuq il-persuna) ir-regola ghandha tkun dik ta' piena karcerarja b'effett immedjat. Kif dana l-aggravju hu impostat, huwa evidenti li qed jirreferi biss

ghar-reati taht l-ewwel zewg imputazzjonijiet – in effetti r-reat uniku kontemplat fl-Artikolu 95 tal-Kodici Kriminali meta l-offiza fuq il-persuna tkun wahda hafifa[1]. B'applikazzjoni tal-Artikoli 221(1) u 95(3) qed nitkellmu, ghalhekk, fuq piena ta' prigunerija ta' mhux izjed minn tliet xhur jew multa.

**5.** Issa, kif din il-Qorti kellha okkazjoni li tispjega proprju fis-sentenza **Il-Pulizija v. Joseph Azzopardi** (li ghaliha rrefera l-Avukat Generali fir-rikors ta' l-appell tieghu, *vide supra*):

**"…bhala regola, meta si tratta ta' vjolenza fuq il-persuna il-piena ghandha tkun dik ta' prigunerija b'effett immedjat. Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom ikunu minn ta' quddiem biex b'mod deciziv jirripristinaw l-ordni pubbliku meta dan jigi sventrat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruhha f'xi forma ta' vjolenza fizika. Mill-banda l-ohra, meta l-ligi taghti latitudini wiesgha fil-piena, il-Qorti ghandha wkoll tibbilancja l-esigenzi tas-socjeta` mac-cirkostanzi partikolari tal-kaz."**

L-incident meritu ta' din il-kawza beda meta s-Surgent Cassar gibed l-attenzjoni ta' xi zghazagh li kienu biz-zwiemel li l-post fejn kienu, billi kien traffikuz, ma kienx indikat ghal dik l-attivita`. L-appellat Mamo – missier wiehed miz-zghazagh – deherlu li s-Surgent ma kellux ghalfejn jiccensura lil ibnu u, kelma ggib lill-ohra, is-Surgent u l-appellat spiccaw fl-idejn. Ghalkemm Mamo jichad li ta daqqa ta' ponn u qasam xofftejn is-Surgent, ma hemmx dubbju – u dan ikkonfermatu anke l-ewwel qorti fis-sentenza taghha – li hekk gara. Fil-fehma ta' din il-Qorti tali agir kien jirrikjedi piena karcerarja b'effett immedjat, dan dejjem, pero`, fil-parametri tal-Artikolu 95 biss, u ghalhekk mhux b'referenza ghall-Artikolu 96 jew xi reat iehor li tieghu l-appellat instab hati (u dan ghar-raguni gja` spjegata).

[1] Ghalkemm it-tieni imputazzjoni kienet originarjament titkellem dwar offiza gravi fuq il-persuna, l-ewwel qorti effettivament sabet li kien hemm biss offiza ta' natura hafifa.

**6.** Ghall-motivi premessi, tilqa’ l-appell ta’ l-Avukat Generali u tirriforma s-sentenza appellata billi, mal-piena erogata mill-ewwel qorti, izzid dik ta’ hamest ijiem prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------